FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Settembru, 2001**

**Numru 4**

**Avviz. numru 215/01JR**

**Saver Schembri**

**vs**

**Guiseppe Spiteri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 t'April, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u disa' liri Maltin hamsa u sebghin centezmu (Lm109.75), liema ammont jinkludi wkoll il-VAT rapprezentanti danni sofferti minnu fl-incident li gara fit-3 ta' Jannar, 2001, meta waqt li l-karrozza CAC-997 proprjeta` ta' l-attur kienet ipparkjata fi Sqaq 2 Main Street, Siggiewi, intlaqtet mill-vettura BAJ-508 proprjeta` tal-konvenut. (Dok.SS1 – rapport) u Dok.SS2(a) u Dok.SS2(b);**

**L-attur qieghed jitlob ukoll imghax legali u l-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 14 ta' Marzu, 2001, kontra l-istess konvenut ingunt**

ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-14 ta' Mejju, 2001, fejn intqal li t-talba qed tigi kontestata:

i. billi l-incident tat-3 ta' Jannar, 2001 ma garax unikament b'tort u htija tal-konvenut kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u inoltre anke d-danni pretizi qed jigu kontestati;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Semgha x-xhieda ta' Richard Azzopardi, Saver Schembri, P.S.585 Joseph Bayliss, William Curmi Cassar, Peter Bonnici, Christine Sammut, Giuseppe Spiteri, Michelina Spiteri, Silvana Spiteri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta' Jannar, 2001, fi Sqaq numru 2, Main Street, Siggiewi.

2. Involuti f'dan l-incident kienu l-vettura Isuzu numru ta' registrazzjoni CAC-997 ta' l-attur, u l-vettura Tatamobile numru ta' registrazzjoni

BAJ-508 misjuqa mill-konvenut.

3. Il-konvenut kien qed jirriversja fl-isqaq sabiex jaccedi ghall-garaxx tieghu, kien hemm il-karrozza ta' l-attur ipparkjata l-barra mill-hajt. Waqt li qed jeffettwa l-manuvra tar-"reverse" il-konvenut laqat il-vettura ta' l-attur.

4. Il-konvenut qed jikkontesta ir-rapport tal-pulizija. It-Tribunal fir-rigward semgha x-xhieda ta' PS 585 Joseph Bayliss, li bazikament jikkonferma l-kontenut tar-rapport, b'dana pero` li l-incident kien gara fit-3 ta' Jannar, 2001, u mhux fit-3 ta' Jannar, 2000, kif erronjament indikat. Jirrizulta li meta mar fuq il-post is-Surgent sab li l-vetturi kienu caqalquhom minn posthom. Fil-fehma tat-Tribunal ma hemm l-ebda raguni valida l-ghala m'ghandux jigi accettat dak li hemm imnizzel fir-rapport tal-Pulizija.

5. Jirrizulta li qabel ma rriversja, l-konvenut daqq il-horn. Richard Azzopardi, li hu mizzewweg ma bint l-attur, qal li mar biex igib il-karrozza tal-vettura minn god-dar, u meta hareg sab li l-konvenut kien laqat il-vettura ta' l-attur.

6. Fi kliem il-konvenut:

> "Bdejt inregga b'lura u x'hin inzilt 24 metru strihajt, u jien u nistrieh smajt hoss, u ghidt: 'Hawn l-Isuzu pparkjat hazing' Gie Azzopardi u ghidtlu li kien

**ipparkjat hazin."**

7. **Irrizulta ampjament li l-konvenut kien jahti ghall din il-kollizzjoni. Jekk il-konvenut kellu xi dubbju dwar jekk jistghax jghaddi, dana meta ghadda ha r-riskju u issa jrid jirrispondi ghall-dak ir-riskju li ha.**

8. **L-attur qed jghid li kellu danni fil-fanal u fil-mudguard. Il-konvenut qed jikkontesta dawn id-danni. Il-konvenut jghid li ma kienx hemm danni fil-mudguard maghmula minnhu, u li l-prezz tal-fanal kien esagerat. Mix-xhieda mismugha t-Tribunal hu soddisfatt li danni riportati fil-fanal u fil-mudguard kienu konsegwenza ta' dana l-incident.**

9. **It-Tribunal jinnota li dawn id-danni fil-fatt huma konfermati mis-Surgent, kif ukoll mis-surveyor Peter Bonnici li ddikjara li l-prezz ma kienx esagerat.**

10. **Ir-ricevuti relativi ghat-tiswija huma wkoll konfermati minn William Curmi proprjetarju ta' Blacburn Garage li esegwixxa x-xoghol.**
11. **Bhala total ir-ricevuti jindikaw total ta' mija u tnax-il lira Maltija hamsa u sebghin centezmu (Lm112.75), pero` l-ammont mitlub huwa ta' mija u disa' liri Maltin hamsa u sebghin centezmu (Lm109.75), u t-Tribunal qed jaccetta li dana ta' l-ahhar huwa l-ammont dovut in linea ta' danni.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba` attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u disa' liri Maltin**

**hamsa u sebghin centezmu (Lm109.75), bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-14 ta' Marzu, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**